MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 507/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Roger Mahlangu**

**Seduta tal-lum 12 ta' Novembru, 2003**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Roger Mahlangu ta' 20 sena, iben Somson u Yvonne xebba Ebejer, imwieled Pieta' fid-09 ta' Jannar, 1983 u residenti 'Temba House', Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 65483(M);

Talli fis-16 ta' Marzu, 2003, fi Triq il-Kbira gewwa Hal-Balzan, b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikament karozza tat-tip Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni EAA 021 propjeta ta' Antonio Francalanza I.D. 305770M, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50), izda inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), w dan bi ksur ta' l-art. 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-14 ta' Mejju 2003, skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-Qorti semghet kif imbdew proceduri kontra l-imputat wara illi PC 517 Anthony Francalanza ddenunzja lill-istess imputat ghal-hsarat li ghamillu fil-vettura tieghu meta kien qieghed fuq xogholu u cioe bhala "fixed point" mar residenza tal-Onor. Ministru John Dalli. PC 517 spjega illi waqt li kien fil-vettura tieghu bil-lejl u cioe fl-erba ta' filghodu, bix-xita niezla u u bit-tieqa ftit imnizzla biex ma jittampanx il-hgieg, huwa ra persuna thares mill-hgiega u malli indunat bih qasamlu l-power antenna tar-radio u telqet tigri. Minkejja li l-kwerelant gera wara l-agressur, ma rnexxilux jaqbdu. Xi ftit jiem wara dan l-incident, l-kwerelant mar is-CID fejn intwera xi ritratti u f'sett minnhom identifika lill-imputat. Il-hsara kienet tammonta ghal-tmenin lira.

Ikkunsidrat inoltre illi mil-provi migjuba ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jirrizultaw xi nuqqasijiet serji dwar l-prova tal-identita' tal-imputat u l-konsegwenti konnessjoni tieghu ma' dan l-incident. PC 517 spjega kif huwa ghamel rapport lill-Pulizija dwar l-incident u infurmhom illi kien qed jissuspetta fl-imputat Roger Mahlangu fejn allura fornihom ukoll bl-indirizz tieghu (ara Dok RM3 Okkorenza). In retroscena, izda, jirrizulta illi l-

kwerelant wasal biex jidentifika lill-imputat minn fotofile tal-Pulizija. Ghall-ewwel ma kienx jaf min hu l-imputat izda minn investigazzjonijiet li ghamel hu stess wasal ghall-isem tieghu. Il-Qorti ma tistax tikkonkorri ma dan il-metodu ta' investigazzjoni ghaliex hemm regoli ben precizi dwar kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna suspettata, liema regoli il-prosekuzzjoni ma mxietx maghhom. L-kwerelant ghazel li jaghmel l-investigazzjonijiet hu izda f'cirkostanzi bhal dawn, l-kwerelant minkejja li huwa Pulizija, huwa cittadin kwalunkwe u ma kellu ebda poter jinvestiga hu bil-konsegwenza li identifika lill-imputat bl-iktar mod zbaljat meta intwera ritratti ta' persuna li tixbah id-deskrizzjoni li hu stess ta lill-Pulizija. Din il-Qorti trid tkun f'posizzjoni li taccerta ruhha illi meta l-kwerelant ippunta' subajh lejn persuna suspettata, huwa ghamel hekk bis-salvagwardji kollha li huma dovuti lic-cittadin. Minhabba li dan l-element huwa mankanti, dan jimpingi fuq il-process gudizzjarju kollu. Il-Qorti ghalhekk mhix konvinta illi l-kwerelant identifika lill-imputat skond ir-regoli stabiliti ghal-identifikazzjoni meta intwera fotofiles tal-Pulizijia.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-impuat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------